# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 20

L-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 20.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**20.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-19 u tal-Laqgħa Pubblika

**20.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 19 u tal-Laqgħa Pubblika ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**20.3.01** Emejl mingħand l-ERA dwar "Register of Licensed Tree Specialists". Il-Kunsill informa lill-persuna li jieħu ħsieb is-siġar tal-palm dwar din in-notifika.

**20.3.02** Emejl dwar korsijiet tad-*defibrillators*. Il-Kunsilliera ssuġġerew li l-korsijiet isiru s-Sibt jew fl-għaxijiet minħabba l-persuni li jaħdmu.

**20.3.03** Rapport mill-*Contract Manager*. Ma kien hemm xejn abnormali rraportat.

**20.3.04** Rapport mill-Awditur Ġenerali dwar is-sena 2019. F'dan ir-rapport ġie nnotat li l-Kunsill tal-Għasri m'għadux fi stat ta' "negative working capital".

**20.3.05** Ittra mill-"Animal Welfare Promotion and Services Directorate" dwar *Neutering Scheme for stray cats*. Ġie nnotat li fl-ittra li ntbagħtet hemm biss kliniċi f'Malta u mhux f'Għawdex. Il-Kunsilli ġew mitlubin sabiex jaġġornaw il-listi tal-persuni li jitimgħu il-qtates.

**20.3.06** Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Titjib fl-Infrastruttura tan-*Networks* fil-Kunsilli Lokali, Reġjuni u Tribunali. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ġie allokat fondi mill-Unjoni Ewropeja biex jsir titjib fin-*networks* tal-Kunsilli Lokali.

**20.3.07** Korrispondenza mingħand Natalino Attard, Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) dwar Tnedija tal-Proċess għas-sejħa t'interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

**20.3.08** Direttiva 7/2020 – Direttiva dwar il-laqgħat satutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali. Il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali jistgħu jsiru b'dawk il-metodi li l-Kunsill Lokali jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi preċenti tal-pandemija. Trid tiġi assigurata l-aċċesibilità tal-membri tal-pubbliku.

**20.3.09** Ċirkulari 08/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2021. Il-Kunsill ngħata żieda ta' madwar €12,000. Iżda dan irid jagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali tal-i*streaming* u *video on demand*, *contract manager* u *data protection officer*. Is-Segretarja nformat lill-Kunsilliera li qeda taħdem fuq il-budget 2021.

**20.3.10** Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Din hija espressjoni t'interess għall-Kunsilli Reġjonali biex jissottometu proġetti għan-nom ta' Kunsill Lokali jew grupp ta' Kunsilli Lokali.

**20.3.11** Ċirkulari Numru 09/2020 Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363). Diversi emendi għall-Liġi tal-Kunsill fosthom dwar laqgħat tal-Kunsill u ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

**20.3.12** Direttiva 7A/2019 ADDENDUM : *Risk Assessment* tal-*Playing Fields* Madwar Malta u Għawdex.

**20.3.13** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar Sistemi ta' *Live Streaming*. Waqt il-laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss l-ispejjeż inkonnessjoni mas-sistemma tal-*live streaming* u *video on demand*. F'din il-laqgħa ġie diskuss li jintalbu fondi mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Hemm kunsilli li għadhom ma għamlux din is-sistema minħabba nuqqas ta' fondi.

Il-Kunsill tal-Għasri diġa għamel is-sistema tal-*on demand* iżda jaqbel li jingħata fondi għall-ispejjeż inkonnessjoni tar-*running* tagħha.

**20.3.14** Emejl mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ħatriet ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Li għadhom ma nnominawx Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri kien innomina u ġiet approvata bħala Deputat Segretarju s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Il-Kunsill ġedded din il-ħatra.

**20.3.15** Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir *cabinet* fil-latrina pubblika u dan biex isservi bħala *storage* għall-għodda tal-ħaddiema. Diġa hemm waħda fil-latrina tan-nisa u din tintuża mill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-latrina. Is-Segretarja għandha tieħu ħsieb biex issir oħra fin-naħa tal-irġiel għal-użu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**20.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni li hemm iż-żrar fi Triq it-Tamar. Dan inġabar minħabba x-xita. Is-Segretarja nformatu li llum stess ġabru ż-żrar li kien hemm quddiem il-knisja tal-Patriċinju u ser tieħu ħsieb biex dak ta' Triq it-Tamar jinġabar ukoll.

**20.4.02** L-attivita tal-Awturi li saret fil-Knisja nhar il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru kienet suċċess. Għas-sena 2021 il-Kunsillier Salvatore Felice Pace ssuġġerixxa li tiġi organizzata attività dwar talent ta' artisti fl-Għasri. Din issir fi żmien ta' Jum l-Għasri.

**20.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni li parti mit-Triq tal-Gallina hija fil-periklu li taqa'. Is-Segretarja għandha tinforma lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

## 20.5 Attivita' ta' Premju Ġieħ l-Għasri.

**20.5.01** Din l-attivita ser issir nhar is-sibt 26 ta' Diċembru peress li r-rebbieħa Dr. Theresa Cutajar ser tkun Malta għal żmien tal-Milied u titlaq qabel l-ewwel tas-sena.

Is-Segretarja ssuġġerit li waqt din l-attivita' jingħataw ċertifikati u memento lil dawk il-persuni li ħadu sehem fid-diversi attivitajiet li saru f'Ġunju minflokk l-attivitajiet tal-festa (dan minħabba l-pandemija). Għal din l-attivita għandhom jiġu mistiedna l-Membri Parlamentari Għawdxin kollha kif ukoll is-Sindki Għawdxin.

## 20.6 PA 00887/20 – Site at, Ta' Żjażra, Ghasri – Proposed construction of Sheep Farm

**20.6.01** L-applikazzjoni għall-bini fl-entratura tal-Għasri ser tiġi deċiża fit-12 ta' Jannar waqt laqgħa tal-bord. Ir-rakkomandazzjoni tal-Case Officer hija "grant". Dan meta l-applikazzjonijiet l-oħra fl-istess inħawi huma kollha "refuse".

## 20.7 Xogħol ta' *Resurfacing*;

**20.7.01** Għalkemm il-Kunsill ħareġ *tender* u ta l-offerta lill-kuntrattur ta' Triq Wied Sara, ix-xogħol ma bediex. Il-kuntrattur baqa' ma ffirmax il-kuntratt u dan għaliex l-istess kuntrattur ġie nkarigat mill-Ministeru għal Għawdex bi proġett kbir ta' xogħlijiet fit-toroq madwar it-Triq ta' Wied Sara. Il-Kunsill m'għandux kontroll fuq din it-triq, liema triq issa tinsab fi stat ħażin ħafna.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħti lura l-fondi li rċieva mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex ix-xogħol isir minnhom stess. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jitlob li ssir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir bl-attendenza tal-kunsilliera kollha u ssir aġenda b'diversi suġġetti, fosthom: Triq Wied Sara, bini ta' ħitan tas-sejjieħ, gandott tal-ilma tax-xita fi Triq ta' Għammar. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

## 20. 8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;

**u**

**20.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-20 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 20.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**20.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ħamis 16 ta'Diċembru 2020.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv